

# L-arma ta' Għawdex – il-Gżira tat-Tliet Għoljiet

minn **Joseph Bezzina,** Assistent Arkivist Nazzjonali

Il-gżira ta' Għawdex hija magħrufa bħala *l-Gżira tat-Tliet Għoljiet*. It-*tliet għoljiet* jidhru wkoll telgħin mill-Baħar Mediterran fl-arma ta' Għawdex. Huma ħafna dawk li jistaqsu liema huma t-*tliet għoljiet* li għalihom hi magħrufa l-gżira ta' Għawdex u li sabu wkoll ruħhom fl-arma tal-gżira.

## 1 • Il-gżira tat-*Tliet Għoljiet*

Il-gżira ta' Għawdex kienet magħrufa bħala l-Gżira tat-*Tliet Għoljiet* sa mill-ibgħad żminijiet. Fil-fatt ingħatat l-ewwel darba dan l-isem f'portulan li l-istudjużi jaħsbu li l-oriġni tiegħu tmur lura għal nofs is-seklu tlettax (c 1250).

Il-*Portulan* hu dokument li jkollu miġbur fih elenku jew lista metodika tal-portijiet ta' reġjun determinat. Ikun jinkludi fih deskrizzjoni dettaljata tal-kosta kif tidher mill-baħar u, minn xi daqqiet, il-fond tal-baħar, il-kurrenti, l-irjieħ, u sinjali oħra li permezz tagħhom wieħed seta' jidentifika tajjeb il-post fejn ikun.

Wieħed mill-iktar portulani antiki relatat ma' nofs il-Baħar Mediterran hu miktub bil-Venezjan u jinsab ippreservat fil-Bibljoteka Appostolika Vatikana (Bibl. Vat., *Latini series*, 5300). Fis-sena 1947, Bacchisio-Raimondo Motzo stampa studju fit-tul fuqu (ara Bacchisio-Raimondo Motzo, *Il Compasso da Navigare. Opera italiana della metà del secolo XIII*, in *Annali della Facoltà di lettere e filosofia dell'Università di Cagliari*, VIII [1947]). Fis-sena 1977, Alessandro Pertusi ħareġ studju ieħor dettaljat fuq l-istess portulan (ara Alessandro Pertusi (*Byzantinische Forschungen* 5 [1977]). Hu maħsub li l-oriġinal ta' dan il-portulan imur lura lejn nofs is-seklu tlettax.

Hu propju f'dan il-portulan li tissemma għall-ewwel darba l-gżira tat-*Tliet Għoljiet*. Biex il-kaptani tal-vapuri li jkunu ġejjin minn Sqallija jagħrfu li qorbu lejn l-arċipelagu Malti, il-portulan jagħti din id-deskrizzjoni:

> **La cognosenza si è tal chi vien ver Secilia vedi lo Gozo in tre monti: lo mezani si è mazior, sovra 'l qual si è uno Castel de Molta, zioè, del Gozo...**

*li jfisser:*

> **Wieħed jagħraf il-gżira ta' Għawdex billi meta jkun ġej min-naħa ta' Sqallija jara lil Għawdex bħala tliet għoljiet: tan-nofs l-akbar u li fuqha hemm il-Kastell ta' Malta, jiġifieri ta' Għawdex.**

Il-baħħara, meta lill-gżira ta' Għawdex jilmħuha min-naħa tat-tramuntana, kienu jagħrfuha mill-forma tat-tliet għoljiet.

Meta wieħed jara ritratti ta' Għawdex meħuda minn ftit kilometri 'l bogħod mill-kosta tat-tramuntana jifhem tajjeb għaliex il-gżira hi magħrufa tat-*Tliet Għoljiet*. In-nofs hu ddominat mill-għolja taċ-Ċittadella, l-għolja li kienet dominanti mhux għax ogħla mill-oħrajn, iżda għaliex kienet iffortifikata sa mill-ibgħad żminijiet.

Imbagħad fuq in-naħa tal-Lvant jidhru qishom għolja waħda x-Xagħra, in-Nadur, u l-Qala. Fuq il-Punent jidhru bħala għolja waħda wkoll Ta' Gelmus, Tad-Dabrani, Ta' Kuljat, iż-Żebbuġ, Ta' Għammar, Għar Ilma, u Tad-Dbieġi, l-ogħla ponta ta' Għawdex.

Dawn huma t-*Tliet Għoljiet* li għalihom hi magħrufa l-gżira ta' Għawdex u li jidhru fl-arma ta' Għawdex.

**2 • L-iżvilupp tal-arma**

Nhar is-7 ta' Ottubru 1350, wara ħafna talbiet, ir-Re Ludoviku ta' Sqallija għaqqad lil Malta u Għawdex fir-*Regio Demanio*. Dan kien ifisser li l-gżejjer saru jiddependu direttament minnu u mhux iktar minn Sinjur Fewdatarju.

Kien aktarx fl-okkażjoni ta' din l-inkorporazzjoni tal-gżejjer Maltin mar-Reġju Demanju li twaqqfet l-*Universitas Gaudisii*, amministrazzjoni Muniċipali, kważi Gvern Reġjunali, għal Għawdex. Dan kien jikkonsisti f'Ħakem u tnejn, tlieta, jew erba' ġurati. Kienu jamministraw lill-gżira ta' Għawdex, jagħmlu u jdaħħlu t-taxxi, u mbagħad jonfquhom mill-ġdid fil-gżira ta' Għawdex. Minn żmien għal żmien kienu wkoll jibagħtu petizzjonijiet lir-Re fi Sqallija. Dawn jissejħu *capitoli* u kopji ta' xi wħud minnhom waslu sa żmienna.

Meta l-*Universitas* bdiet tiffunzjona, kien meħtieġ li tawtentika d-dokumenti tagħha. Dan kien isir billi meta dokument jiġi mitwi, kien jiġi ssiġillat bl-inċira u fuq l-inċira maħlula tiġi stampata b'timbru tal-metall l-arma uffiċjali tal-*Universitas*. Dan kien l-użu tal-Bliet Demanjali fi Sqallija u wieħed jifhem li Għawdex għamlu hekk ukoll.

Meta ddiskutew x'sejrin jagħmlu bħala siġill, ħasbu li jagħmlu wieħed ibbażat fuq l-isem li l-baħħara ta' nofs il-Mediterran kienu jagħtu lil Għawdex – il-gżira tat-*Tliet Għoljiet*. Hekk nobsor li twieldet dik li 'l quddiem kellha ssir l-arma ta' Għawdex.

Ngħaġġlu nżidu li ma jeżisti ebda dokument hawn Għawdex li jġib din l-arma. Iżda disinn tagħha jinsab riprodott f'dokument ta' Lorenzo Zammit-Haber (1875-1959), antikwarjan mix-Xewkija, li hu jgħid li kkupjaha minn dokument tal-*Universitas Gaudisii* fl-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina. Id-dokument jingħad li jmur lura għal nofs is-seklu sittax.

Id-**disinn** juri tliet għoljiet li jispiċċaw nofs tond, b'tan-nofs usa' u ogħla mit-tnejn l-oħra. Jidhru telgħin minn sitt faxex paralleli. Din l-arma hi mdawra minn ċirku konċentriku li fin-naħa ta' fuq tiegħu għandu disinn forma ta' warda ***(ara stampa)***.



M'għandix għalfejn niddubita li r-riproduzzjoni magħmula minn Zammit-Haber hi fidila għall-oriġinal li aktarx m'għadux jeżisti. Dan hu l-eqdem disinn li għandna tal-arma tal-gżira tat-*Tliet Għoljiet*.

**3 • Mis-siġill għall-arma**

Mal-mixja tas-snin, id-disinn tas-siġill kien addattat bħala arma ta' Għawdex. Hu probabbli li dan sar l-ewwel darba meta twaħħlet arma tal-*Universitas Gaudisii* fis-sala fejn kien

jiltaqa' l-Kunsill Muniċipali – binja fil-Pjazza tal-Matriċi sas-sena 1661, u wara f'post ikbar fil-Pjazza tat-Tokk, fejn illum hemm il-*Banca Giuratale*.

Kien propju meta s-siġill għadda għal disinn li, għall-ewwel darba, ingħatawlu l-kuluri. Intużaw fil-fatt l-iswed u l-fidda biss, żewġ kuluri sinjorili.

It-tliet għoljiet ingħataw il-kulur iswed u tqiegħdu fuq sfond tal-fidda. Is-sitt faxex paralleli, li minnhom huma telgħin l-għoljiet, ingħataw kulur alternat bejn il-lewn fiddieni u l-lewn sewdieni. Jibda l-fiddieni u jispiċċa s-sewdieni ***(ara stampa nru 2).***

Waħda mill-eqdem armi li jeżistu hi mnaqqxa fil-ġebel u tinsab fuq il-bieb li hemm f'binja fil-Pjazza tal-Katidral – binja li jista' jkun li f'xi żmien intużat bħala s-sede tal-Universitas ***(ara stampa nru 3)***. Hu magħruf li kien minn quddiem din il-binja li kienu jinqraw il-Bandi jew l-Ordnijiet li l-Universitas kienet toħroġ minn żmien għal żmien. Il-podju tal-ġebel li minn fuqu kien isir il-qari għadu jeżisti sal-lum. Jinsab eżatt quddiem id-daħla tal-ħabs il-qadim, fuq ir-riħ tal-Pjazza tal-Katidral.

Bażikament, din l-arma hi l-istess bħal tas-siġill – tliet għoljiet fit-tond b'sitt faxex paralleli taħt. Din l-eqdem arma tmur lura għall-bidu tas-seklu sbatax, lejn is-sena 1613, meta kien sar ħafna bini ġdid fl-inħawi. Kien f'dik is-sena li ntemm il-bini tas-swar ġodda tan-nofsinhar taċ-Ċittadella.

### 4 • L-arma oriġinali tintmess

L-arma bdiet tiġi riprodotta 'l hawn u 'l hinn – skolpita fuq l-irħam, fil-ġebel, u anki fl-injam.

Iċ-Ċittadella kienet sa minn żminijiet medjevali kkunsidrata l-Belt ta' Għawdex. Għandna fil-fatt Triq Bieb l-Imdina, isem li jista' jkun li jmur lura sa żmien il-Għarab, u li jfisser sewwa sew Triq Bieb il-Belt. Kellna wkoll it-Taraġ tal-Belt li kien iwassal mill-Pjazza tat-Tokk sal-pont li kien hemm fuq il-foss taċ-Ċittadella. Meta fis-sena 1864 saret triq f'nofs it-taraġ, issejħet it-Telgħa tal-Belt – kif għadha magħrufa sal-lum.

Dan il-kunċett ta' Belt wassal biex fuq l-arma tqiegħed koronet biex juri li din l-arma kienet ta' Universitas ta' Belt. Ma kenitx magħmula skont l-esiġenzi preċiżi tal-eraldika, iżda l-idea hemm kienet. Arma ta' Għawdex b'din il-kuruna fuqha kienet imdendla fis-sala tal-laqgħat tal-Universitas.

L-arma baqgħet bażikament l-istess sa nofs is-snin sebgħin tas-seklu dsatax. Waħda mill-isbaħ li jeżistu hi skolpita fl-irħam u tinsab imwaħħla mal-obelisk li hemm fuq il-ġibjuni tal-ilma taħt ir-riħ tad-daħla taċ-Ċittadella. Saret fis-sena 1877 u hi kopja tajba tal-arma oriġinali; anki l-faxex taħt huma sitta.

Din l-arma hi ta' importanza kbira għax is-sena ta' qabel, jiġifieri fis-sena 1876, l-arma kienet tmesset. Min ordna din l-arma għall-obelisk ħallieha kif kienet sa minn żminijiet imbiegħda ***(ara stampa nru 4).***

F'April 1876, Malta u Għawdex laqgħu fosthom lill-Altezza Rjali Tiegħu, il-Prinċep ta' Wales, li 'l quddiem sar ir-Re Dwardu VII (1901-1910). Din iż-żjara rjali, bejn is-6 u l-10 ta' April, kienet okkażjoni ta' numru kbir ta' manifestazzjonijiet. L-ikbar fost dawn u anki l-iktar waħda organizzata tajjeb kien *march-past* bis-sehem ta' delegazzjoni minn kull belt u raħal f'Malta u Għawdex.

Il-Kumitat Organizzattiv ikkummissjona lill-Professur Dr Nicolò Zammit (1815-1899), tabib, filosfu, arkitett, u pittur mis-Siġġiewi biex iħejji disinn tal-armi ta' dawk il-bliet u l-irħula kollha ta' Malta u Għawdex li kien għad ma kellhomx arma (ara l-ktieb tiegħi JOSEPH BEZZINA, *Gozo – a historical glimpse* (= Gaulitana 6), Valletta 1988).

Il-Professur Zammit għamel tliet bidliet fl-arma. L-ewwel daħħal il-kuluri; l-għoljiet saru kannella, l-isfond tagħhom sar ċelesti, u l-faxex ta' taħt blu. It-tieni, l-għoljiet li qabel kienu



Stampa 2



Stampa 3

Stampa 4



Stampa 5



Ritratti: ħajr Fr Joe Bezzina

ġejjin għat-tond saru ppuntati. It-tielet, u l-ikbar bidla, kienet iż-żieda ta' kewkba lewn id-deheb fuq l-għolja tan-nofs ***(ara stampa nru 5).***

Il-bidla ma kinitx aċċettata mill-bidu; kif tixhed l-arma tal-irħam li saret fis-sena 1877 u li semmejt iktar 'il fuq. Iżda mal-mixja tas-snin intgħoġbot u bdiet tintuża minflok il-qadima, tant li din kienet kważi ntesiet.

### 5 • Lura għall-arma oriġinali

Nhar l-1 ta' Mejju 2004, Malta u Għawdex saru parti mill-Unjoni Ewropea. Kien hemm ix-xewqa – xewqa li għaxar snin wara ebda Gvern ma għadu ħadem biżżejjed biex titwettaq – li l-gżira ta' Għawdex ma' Kemmuna jkunu ddikjarati reġjun fl-Unjoni.



Stampa 6

Għal dan il-għan kienet meħtieġa wkoll arma tar-Reġjun fuq konswetudni mxerrda mal-Ewropa kollha. Għaldaqstant, Giovanna Debono, il-Ministru għal Għawdex, ħatret kumitat ħalli proprju jagħmel arma definittiva tal-gżira mħabba li allura kien hemm żewġ verżjonijiet. Il-Kumitat kellu bħala *Chairperson* lil John Cremona, dak iż-żmien wieħed mid-Diretturi fil-Ministeru għal Għawdex, u żewġ membri: min qiegħed jikteb u Ġorġ Vella (1948-2014). Il-Kumitat ikkonsulta lill-Kaptan Adrian Strickland, espert internazzjonali fl-eraldika, fi żmien li kien l-Ambaxxatur ta' Malta fl-Olanda.

Dan il-Kumitat kellu l-*brief*:

(1) li jistabbilixxi l-arma preċiża ta' Għawdex;
(2) li, darba stabbilita, tkun iddisinjata verżjoni skont ir-regoli tal-eraldika; u
(3) li l-arma tkun irreġistrata b'mod uffiċjali.

Wara diversi laqgħat kien sar qbil unanimu li l-arma għandha tkun tixbah lil dik oriġinali li kellha tal-inqas erba' mitt sena u mhux dik li ddaħħlet fis-sena 1876. Ma kienx hemm qbil unanimu fil-bidu fuq jekk għandhiex issir bil-kulur jew titħalla preċiż bħall-oriġinali. Wara iktar diskussjonijiet sar qbil fuq dan ukoll; il-kulur kellu jibqa' bħall-oriġinal.

Id-diversi disinni kienu qegħdin isiru b'mod professjonali minn Ġorġ Vella nnifsu u jintbagħtu The Hague għall-osservazzjonijiet ta' Strickland. Kienet l-idea ta' Strickland li l-arma tiġi sormontata minn kuruna li eraldikament tirreferi għal reġjun.

### 6 • L-arma uffiċjali

B'hekk ħareġ id-disinn finali tal-arma. Id-disinn tal-arma hu xogħol ta' Ġorġ Vella; id-disinn tal-koronet hu tal-Kaptan Strickland ***(ara stampa nru 6).*** Wara Mejju 2004, beda jiġi użat mill-Ministeru għal Għawdex – iżda minkejja li għaddew għaxar snin għadu ma ġiex ippubblikat fil-*Gazzetta tal-Gvern*.

Din li ġejja hi d-deskrizzjoni teknika skont l-eraldika:

*Party per fess, Sable three hills in fess Argent the centre one enhanced and barry wavy of six Argent and Sable; ensigned with a mural crown with five eschaugettes and a sally port Or.*

Fi kliem sempliċi tfisser:

***Stemma maqsuma orizzontalment: iż-żewġ terzi ta' fuq kulur il-fidda; it-terz ta' isfel hu magħmul minn sitt faxex immewġa u paralleli li jalternaw bejn il-fidda u l-iswed, ta' fuq fidda, ta' taħt iswed. Fuq il-parti ta' fuq, tliet għoljiet kemxejn ippuntati, bl-għolja tan-nofs ftit ogħla mill-oħrajn u fuq quddiem tagħhom. Fuq l-istemma koronet murali b'ħames turretti u bieb lewn id-deheb.***

Il-motto tal-gżira ta' Għawdex – li aktarx ħolqu Monsinjur Giuseppe Farrugia (Tal-Vers) (1852-1925) – jirrifletti l-kwalitajiet tal-gżira:

*Fertilis ab undis caput effero*

**Għammiela ngħolli rasi mill-ilmijiet**

A fruitful land raising its head from the sea

**Dan l-artiklu hu *copyright* tal-awtur u ma jista' jiġi riprodott b'ebda mod mingħajr il-permess bil-miktub tal-awtur.**